

22002D0010

L 88/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

4.4.2002

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 10/2002****ta' l-1 ta' Frar 2002****li temenda l-Anness I XXII (Liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokol li jemenda l-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I XXII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 186/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 ⁽¹⁾;
- (2) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2001/256/KE tal-5 ta' Novembru 2000 dwar l-assiguranza tal-kwalità għall-verifika skond l-istatut fl-Unjoni Ewropea: ħtiġijiet minimi ⁽²⁾ għandu jiddaħħal f'dan il-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt numru 10 (Regolament tal-Kunsill (KEE) Numru 2137/85) ta' l-Anness I XXII tal-Ftehim:

"ATTI LI L-PARTIJIET KONTRAENTI GĦANDHOM JIKKUNSIDRAW

11. – **32001 H 0256:** Rakkomandazzjoni tal-Kummissjonin 2001/256/KE tal-15 ta' Novembru 2000 dwar l-assiguranza tal-kwalità għall-verifika skond l-istatut fl-Unjoni Ewropea: ħtiġijiet minimi (ĠU L 91, tal-31.3.2001, p. 91)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2001/41/KE fil-lingwi ta' l-Islanda u tan-Norveġja, li għandhom jiġu ppublikati fil-qasam Supplimentari tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2002, jekk in-notifikazzjonijiet kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

⁽¹⁾ ĠU L 74, tal-15.3.2001, p. 16.

⁽²⁾ ĠU L 91, tal-31.3.2001, p. 91.

(*) L-ebda ħtiġijiet konsitutizzjonali m'huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-taqsimha taż-ŻEE ta', u fil-parti Supplimentari taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fl-1 ta' Frar 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND
